**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**25 ta' Lulju, 2021**

# L-IKEL "QADDIS"

Minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li ħallew oġġetti tal-ikel u affarijiet oħrajn għall-karità. L-affarijiet li intom ħallejtu fil-knisja issa diġà bdew jitqassmu minn membri tal-grupp tal-Caritas Parrokkjali. Jekk hemm xi ħadd li jaf b'persuni li jaċċettaw l-għajnuna, tistgħu tkellmu lil Dun Loreto Tabone. Niftakru li dak kollu li nagħmlu ma' min hu fil-bżonn, iqaddes lil min jagħmel il-karità.

Biex inkompli fuq dan il-punt, se ngħaddilkom storja li qrajt dan l-aħħar:

Santa Katerina minn Siena ltaqgħet ma' fqir li talabha karità. Fittxet fil-but u ma sabet xejn. "Ejja miegħi d-dar", qaltlu. Iżda l-fqir



weġibha li ma kienx jista' u li kellu bżonn l-għajnuna fil-pront. Ftakret allura li ftit granet qabel kienet qalgħet salib tal-fidda u kienet waħħlitu mal-kuruna. Qalgħetu u tathulu, u mar kuntent. Billejl, waqt li Katerina kienet titlob, rat 'il Ġesù li kellu f'idu dak is-salib, iżda mdawwar b'ġawhar l-aktar prezzjużi. "Tagħrfu dan is-salib?", staqsiha. "Iva, imma ma kienx hekk sabiħ". "Kun af", weġibha Ġesù, "li jien nerġa' nroddhulek brillanti, hekk bħalma qed tarah issa, fil-jum tal-ġudizzju universali, quddiem l-anġli u l-qaddisin kollha."

Min ikun solidali mal-oħrajn iġib il-barka fuqu nnifsu u fuq il-familja kollha.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**Rokna Ekoloġika: Id-Dahlia**

Bħalissa fuq l-artal tal-knisja għandna arranġamenti bil-fjuri sbieħ tad-dahlia. Din il-fjura oriġinat fil-Messiku u aktarx li nġiebet hawnhekk fl-Ewropa fis-seklu XVI.



## AVVIŻ

**SAN PIJU TAL-PJAGI:** huwa l-qaddis li ħabb, ħadem u bena sptar għall-morda. Aħna f'dawn l-aħħar xhur ma komplejniex bil-laqgħat ta' talb minħabba l-mard. Għalkemm is-sitwazzjoni għadha diffiċli xorta ħa nagħmlu pass u bħala grupp se niltaqgħu għada t-Tnejn 26 ta' Lulju, fis-6:00pm fil-kappella tas-Sorijiet. Waqt l-Adorazzjoni u l-Quddiesa niftakru wkoll fil-morda u l-vokazzjonijiet fil-parroċċa tagħna.

## GRAZZI!

Il-Kumitat tan-Nar jixtieq jirringrazzja lill-Kunsill Lokali tas-sapport li ta. Dis-sena l-għaqda kellha tħallas spiża mhux tas-soltu minħabba ħsara li saret f'xi għelieqi. Jekk hemm xi ħadd li jixtieq jagħti donazzjoni għal dawn l-ispejjeż, jgħaddi l-offerta tiegħu lil Raymond Vella.

*Silta qasira meħuda mill-messaġġ li għadda l-Qdusija tiegħu l-Papa Franġisku fl-okkażjoni tal-ewwel* **Jum Dinji tan-Nanniet u l-Anzjani (25/07):**

"Jien magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien" (cfr Mt 28,20) hi l-wegħda li għamel il-Mulej lid-dixxipli qabel ma tela' s-sema u li llum itenniha lilek, għażiż nannu, għażiża nanna. Lilek. "Jien magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien" huwa wkoll kliem li bħala Isqof ta' Ruma u anzjan bħalek nixtieq ngħidlek fl-okkażjoni ta' dan l-Ewwel Jum Dinji tan-Nanniet u l-Anzjani: il-Knisja kollha hi qribek - biex ngħiduha aħjar, tinsab qribna; tieħu ħsiebek, tixtieqlek il-ġid u ma tridx tħallik waħdek!"

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**SALA PARROKKJALI: Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am